MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Numru 1221/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Spiteri)**

**Vs**

**Juanita Fenech**

**Kumpilazzjoni Nru: 1221/2010**

**Illum, 09 ta' Jannar 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Juanita Fenech, ta' 49 sena, bint George Borg Cardona u Jennifer nee' Rizzo, imwielda Floriana, fil-4 ta' Frar, 1961 u residenti fil-fond numru 77, "Edwige Ville", Triq is-Sienja, Attard u detentrici tal-karta ta` l-identita` numru 148761M.

Akkuzatata talli nhar it-2 ta’ Ottubru, 2010 ghall habta tat-08:30am waqt li kienet gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta’ Birkirkara ddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot tracci ta’ reat b’mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dan ir-reat kien sar.

Rat l-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma relattivament semplici. Nhar it-2 ta’ Ottubru 2010 l-imputata marret l-ghassa tal-pulizija ta’ Birkirkara u hemm irrappurtat li l-gurnata ta’ qabel (nhar l-1 ta’ Ottubru 2010) bejn is-sitta u nofs u s-sebgha u nofs ta’ fil-ghaxija certa Karen Sciberras segwietha bil-vettura taghha waqt li l-imputata kienet qed issuq, flimkien mat-tifel taghha, minn H’Attard ghal tas-Sliema u lura ghal H’Attard. Il-Pulizija investigat dan ir-rapport u rrizultalha li fil-hin indikat mill-imputata, Karen Sciberras kienet ghand l-avukat taghha u ghalhekk ma setghax ikun li Sciberras kienet qed issegwi lill-imputata. In vista ta’ dan il-pulizija baghtu ghall-imputata, ikkonfrontawha b’dawn ir-rizultanzi imma hija baqghet tinsisti li rat lil Sciberras issegwiha bil-vettura taghha. Minhabba li fil-fehma tal-pulizija Sciberras ma setghetx kienet qed issegwi lill-imputata u li ghalhekk l-imputata ghamlet rapport falz huma procedew kontra taghha b’l-imputazzjoni odjerna.

Illi fil-kors ta’ dawn il-proceduri taw id-depozizzjoni taghhom il-persuni kollha koncernati: is-surgent li ha r-rapport, l-ispettur li kompla jinvestiga l-kaz, Karen Sciberras, l-avukat taghha, l-imputata u anke t-tifel

taghha; taw d-depoizzjoni taghhom ukoll rapprezentanti tas-socjetajiet Go u Vodafone biex jaghtu informazzjoni dwar komunikazzjonijiet telefonici bejn Sciberras u l-avukat taghha.

Illi Karen Sciberras tghid li nhar l-1 ta' Ottubru 2010 hija kellha appuntament ma'l-avukat taghha Dr Emy Bezzina; ikkomunikat mieghu fil-ghodu biex tikkonferma l-appuntament u mbaghad meta waslet l-ufficju tieghu cemplietlu biex tivverifika li qieghed hemm peress li l-bieb kien maghluq. Hi tghid ukoll li kienet ghand l-avukat bejn il-hamsa u nofs u t-tmienja ta' fil-ghaxija u tikkonferma li l-avukat jaghti struzzjonijiet lill-klienti tieghu li waqt li jkunu ghandu ma juzawx il-mobile phone taghhom. Ezami tad-dokumenti li juri telefonati jew sms's li gew skambjati bejn Sciberras u Dr Bezzina, kif ukoll dak lil qal l-istess Dr Bezzina (mhux biss lis-surgent tal-pulizija imma anke b'gurament quddiem din il-Qorti) jikkorrobboraw dak li sostniet Karen Sciberras u cioe li f'l-1 ta' Ottubru 2010 bejn is-sitta u nofs u s-sebgha u nofs ta' fil-ghaxija hija kienet f'l-ufficju ta' l-avukat taghha u konsegwentement ma setghetx tkun qed issegwi lill-imputata bil-vettura taghha.

Illi kif diga ntqal fil-kors ta' dawn il-proceduri taw id-depozizzjoni taghhom l-imputata u binha. Fid-depozizzjoni taghha l-imputata ssostni li fil-waqt li kienet qed twassal lil binha ta' Sliema innutat li Karen Sciberras kienet qed issegwiha bil-vettura taghha; hi tghid li Sciberras segwietha fit-traggit kollha minn H'Attard sa tas-Sliema u lura; nnutatha ukoll f'zewg postijiet fejn hija waqfet: hdejn il-Percius Car Hire u hdejn il-petrol station ta'l-Msida. L-imputata tghid ukoll li hija gharfet kemm il-karozza kif ukoll lil Sciberras. Hija m'ghamlitx rapport lill-pulizija dak il-hin ghaliex esperjenzi precedenti mal-pulizija hallewha f'dubbju x'taghmel, ghalhekk kien biss l-ghada fil-ghodu fit-tmienja li hija marret tirrapporta l-akkadut lill-pulizija.

Illi dwar id-depozizzjoni tat-tifel il-Qorti ghandha tirrileva li hija ma tqies din id-depozizzjoni bhala wahda attendibbli. Il-Qorti ma tistax ma tinnutax li meta t-tifel gie mistoqsi xi haga li ma kenitx parti minn dak li huwa gie preparat biex

jghid tfixkel u ma kienx kapaci jirrispondi l-aktar mistoqsijijet semplici u ovvji, u dan gara lejn l-ahhar tad-depozizzjoni tieghu meta suppost kien lahaq ikkalma (jekk qatt kien ecitat jew imbezza' fil-bidu tad-depozizzjoni[1]).

Illi mis-suespost jirrizulta kuntrast qawwi bejn il-verzjonijiet mghotija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni minn-naha u dawk mghotija mill-imputata (u binha) min-naha l-ohra. Pero huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Il-Qorti ghandha tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'xiex ghandha temmnu.

Illi fil-kaz in ezami, u tenut kont tal-provi prodotti, il-Qorti hija sodisfatta li tista' taghti affidabilita lill-verzjoni moghtija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni u li konsegwntement nhar l-1 ta' Ottubru 2010 bejn is-sitta u nofs ta' fil-ghaxija u t-tmienja u nofs ta' fil-ghaxija Karen Sciberras kienet qeghda ghand l-avukat taghha u ghalhekk ma setghtex kienet qed issegwi lill-imputata fit-traggit bejn H'Attard u tas-Sliema u lura.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata hija dik ta' simulazzjoni ta' reat ai termini tas-subinciz 2 ta'l-artikolu 110 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ai termini ta' din id-dispozizzjoni tal-Ligi s-simulazzjoni tar-reat tista' tkun verbali (diretta) u tirrikjedi sempliciment li l-agent ikun iddenunzja lill-pulizija reat li jkun jaf li ma sarx; u tista' tkun ukoll reali (indiretta) u tavvera ruhha meta wiehed b'qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali biex jassiguraw li dak ir-reat kien sar[2]. Huwa principju ben stabbilit li biex tigi pruvata s-

---

[1] Hekk gie mplikat mid-difiza fis-sottomissjonijiet, pero l-Qorti ma tikkondividiex din it-tezi; it-tifel ma kellu l-ebda problema biex jirrakkonta l-istorja principali fil-parti inizjali tad-depozizzjoni meta suppost kien l-aktar ecitat; kien lokwaci u ma wera l-ebda ezitazzjoni anke meta hass li kellu jitlob li d-depozizzjoni tieghu ssir b'l-ingliz.

[2] Ref Pulizija vs Davis Mizzi op cit.

simulazzjoni ta' reat jehtieg li r-reat denunzjat ma jkunx sehh[3].

Illi d-difieza qed tissottometti li l-imputat qatt ma ddenunzjat reat, fis-sens li hija sempliciment marret l-ghand il-pulizija ghaliex kienet imbezza' u rrakontathielhom dak li kien gara. Gie sottomess ukoll li l-fatt fih innifsu li Karen Sciberras kienet qed issuq f'l-istess toroq fejn kienet qed issuq l-imputata mhux reat ghalhekk dak li ddenunzjat l-imputata lill-pulizija ma kienx reat. Inghad ukoll fis-sottomissjonijiet li fi kwalunkwe kaz l-imputata marret ghand il-pulizija mhux biex huma jiehdu passi imma biex jammonixxu lil Karen Sciberras stante li l-imputata kienet qed tibza' minnha.

Illi fil-fehma tal-Qorti huwa importanti li l-incident in ezami, cioe ir-rapport li ghamlet l-imputata, jigi kunsidrat fil-kuntest tas-sitwazzjoni prevalenti dak in-nhar bejn l-imputata, zewgha u din Karen Sciberras; sitwazzjoni ta' disgwid familjari u rapporti reciproci frekwenti. Skond l-imputata stess hija kienet ghamlet diversi rapporti lill-pulizija li Sciberras kienet qed issegwiha. L-imputata fil-fatt qalet li hija kienet bezghat b'l-akkadut (l-incident allegat ta'l-1 ta' Ottubru) tant li lit-tifel ma hallitux jiltaqa' mal-habib tieghu imma telqu minn ta' Sliema u marru ghand il-genituri taghha (cioe ta'l-imputata). Skond l-imputata kienet din il-biezgha li wasslietha biex taghmel rapport lill-pulizija. Fil-fatt, anke tenut kont din ir-retroxena, dak li rrappurtat l-imputata lill-pulizija kien reat, ir-reat maghruf bhala "fastidju" kontemplat f'l-artikolu 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dan ir-reat huwa prosegwibbli mill-pulizija ex officio. Ghalhekk, indipendentement mill-volonta tal-persuna li tmur tirrapporta fatti li jammontaw ghal dan ir-reat, il-pulizija hija obbligata tiehu passi kontra l-persuna li fil-fehma taghha ikkommettiet dan il-fastidju. Pero ghandu jinghad li proceduri kriminali imsemmija f'l-artikolu 110(2) in ezami m'ghandhomx jigu interpretati fis-sens dejjaq taghhom ta' proceduri gudizzjarji tramite il-Qorti, imma fis-

[3] Antolisei: Manuele di Diritto Penale Giuffre 14 Edizione pagna 460.

sens aktar wiesgha taghhom u cioe investigazzjoni da parti tal-pulizija. Ghalhekk huwa inutli ghad-difieza li l-imputata tghid li kull ma riedet kien li Sciberras tigi ammonita u li hi ma xtaqitx li jittiehdu proceduri gudizjarji kontra taghha. Ir-rapport taghha necessarjament kellu jwassal ghal investigazzjoni, minima kemm hi minima, liema investigazzjoni mhux biss kienet intuli ghaliex il-fatti rappurtati ma kienux graw imma kienet tfisser telf ta' hin u rizorsi da parti tal-pulizija u fastidju lil persuna investigata. Fil-fatt l-iskop ta' l-artikolu 110(2) huwa li jipprevjeni li l-awitorita` kompetenti toqghod tahli zmien tindaga dwar reat li ma jkunx effittivament sehh u l-fatt li, fil-kors ta' l-investigazzjonijiet tal-Pulizija, jista' jaqa' suspett – intortament – fuq persuni li jkunu totalment innocenti[4].

Illi dwar is-sottomissjoni tad-difiza li l-imputata kienet verament konvinta li kienet qed tara lil Karen Sciberras u kien ghalhekk li ghamlet ir-rapport ghandu jinghad li l-imputat qalet fid-depozizjoni taghha li hija gharfet kemm lil Sciberras kif ukoll il-vettura taghha liema vettura hija kapaci tidentifika mhux biss mit-tip ta' vettura imma anke min-numru ta' registrazzjoni. L-imputata tghid ukoll li hija rat lil Sciberras hdejn id-dar taghha, hdejn il-Percius Car Hire, hdejn il-perol station ta' l-Msida ta' Sliema u anke hdejn id-dar tal-genituri taghha. Huwa inverosimili li ghal hames darbiet l-imputata rat persuna f'vettura u ghal hames darbiet hija ghamlet l-istess zbal "genwin", mhux biss f'l-identita tal-persuna li rat imma anke tal-vettura, b'mod li ghal hames darbiet hasbet li rat il-vettura ta' Scibberras u li ghal hames darbiet hasbet li l-persuna li kienet qed issuq dik il-vettura kienet propju Sciberras.

Illi kif intqal aktar 'l fuq fis-subinciz 2 ta'l-artikolu 110 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hemm zewg reati kontemplati; simulazzjoni diretta u simulazzjoni indiretta ta' reat. Mill-provi akkwizieti ghar-ragunjijet fuq espressi jirrizulta l-ewwel reat cioe dak ta' simluazzjoni diretta pero mhux it-tieni reat cioe ta' simluazzjoni indiretta ghaliex mill-provi ma jirrizultax li l-imputata ghamlet xi haga ohra hlif li marret tirrakkonta lill-pulizija fatti inveritjieri

[4] Ref Pulizija vs Anthony Farrugia Appell Kriminali deciz 02.04.2004.

attribwibbli lil Sciberras; hija ma holqot l-ebda tracci ta' xi reat.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata, l-fedina penali taghha li hija kwazi netta kif ukoll il-kuntest li fih sehh dan ir-reat. Tenut kont ta' dawn il-fatti l-Qorti hija tal-fehma li piena kacerarja mhiex wahda idonea.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputata hatja tar-reat ta'simulazzjoni indiretta kontemplata fit-tieni parti ta'l-imsemmi artikolu 110(2) u tilliberaha minnu wara li rat l-ewwel parti ta'l-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputata hatja tar-reat ta'simluazzjoni diretta ta' reat u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

Il-Qorti sjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------